MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum it-23 ta' Mejju, 2018

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 598/2018/1 LM

**Paul Bonnici, impjegat, iben il-mejjet Policarpio Bonnici u Mary Anne sive Marianna xebba Schembri, imwieled Birżebbuġa u residenti Birżebbuġa, detentur tal-karta tal-identità numru 254661(M)**

***vs.***

**Simon Agius, infermier, iben Victor Agius u Annunziata xebba Sciberras, imwieled Pietà fil-25 ta' Frar, 1975 u residenti Għaxaq, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 149275(M) u**
**Dorianne Galea, għalliema, mart Luca Galea, bint Victor Agius u Annunziata xebba Sciberras, imwielda Pietà fit-22 ta' Mejju, 1984 u residenti Tarxien detentriċi tal-karta tal-identità numru 259684(M)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrent **Paul Bonnici** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"), li ġie ppreżentat fis-16 ta' April, 2018, li jgħid:

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm lill-intimat milli ibiegħu, jittrasferixxu, jaljenaw, jew fi kwalsiasi mod jew titolu jiddisponu mill-għalqa formanti parti mit-territorju msejjaħ 'Tax-Xieref', limiti ta' Ħal Għaxaq, tal-kejl superfiċjali ta' circa erbat elef, tliet mija u sebgħa punt ħamsa erbgħa metri kwadri (4,307.54 m.k.) konfinanti mit-Tramuntana u mill-Punent ma' sqaqien, mill-Grigal ma' beni ta' Charles Fsadni, mix-Xlokk ma' beni ta' Noel Schembri, jew is-suċċessuri rispettivi tagħhom fit-titolu, jew irjieħ verjuri, u kontenenti l-istess għalqa bir, vaska u kamra bil-bitħa magħha, kif ukoll milli jikkostitwixxu kwalsiasi jedd, kemm personali u kemm reali, u inklużi drittijiet ta' preferenza versu terzi ukoll taħt kwalsiasi titolu.*

*L-esponenti umilment jitlob illi din it-talba tintlaqa' provviżorjament a tenur tal-artikolu 875 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*Illi l-esponenti huwa sid u proprjetarju tal-għalqa hawn fuq deskritta, liema għalqa huwa wiret mingħand zijuh Joseph Schembri in virtù ta' testment pubbliku riċevut min-Nutar Pubbliku John Cachia Zammit fit-3 ta' Frar, 1993 (Dok. A). L-imsemmi Joseph Schembri, min-naħa tiegħu, kien akkwista l-istess għalqa b'kuntratt riċevut min-Nutar Pubbliku Carmelo Giuseppe Vella tas-26 ta' Frar, 1967 (Dok. B).*

*Illi l-istess għalqa kienet għal żmien twil mikrija lil Victor Agius, missier l-intimati (Dok. C).*

*Illi riċentement l-esponenti sar jaf illi Victor Agius u l-intimati resqu għal kuntratt ta' donazzjoni fl-att tan-Nutar Pubbliku Jonathan Zammit datat 8 ta' Ottubru, 2015 (Dok. D), permezz ta' liema kuntratt l-istess Victor Agius ippretenda li kellu l-jedd jittrasferixxi l-għalqa in kwistjoni lill-intimati.*

*Illi l-intimati u l-imsemmi Victor Agius ġew interpellati mill-esponenti sabiex jirrexxindu l-att ta' donazzjoni suriferit, iżda baqgħu inadempjenti.*

*Illi għalhekk l-esponenti kontestwalment mal-preżenti qiegħed ukoll jiddeduċi kawża sabiex iħares il-jeddijiet proprjetarji tiegħu fuq din l-għalqa.*

*Illi jekk dan il-mandat ma jinħariġx, id-drittijiet tal-esponenti sejrin jiġu preġudikati irrimedjabbilment billi l-intimati jkunu f'qagħda li joħolqu jeddijiet versu terzi dwar l-art in kwistjoni.*

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' April, 2018 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan ai termini tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat illi fl-udjenza li nżammet fis-27 ta' April, 2018, l-avukat difensur tal-intimati esebiet vera kopja tal-kuntratt ta' rexxissjoni tal-kuntratt mertu ta' dan il-Mandat, li jġib id-data tal-24 ta' April, 2018, u li ġie ppubblikat min-nutar James Grech. Fil-fatt fuq dan l-att reġgħu dehru Victor Agius, missier l-intimati, u l-intimati Simon Agius u Dorianne Galea, li ftiehmu illi jirrexxindu kompletament l-imsemmi att ta' donazzjoni li kienu għamlu fit-8 ta' Ottubru, 2015, u dan minħabba li l-intenzjoni tad-donatur fuq dak l-att kienet li jissalvagwardja l-jeddijiet ta' qbiela li huwa kellu fuq l-imsemmija għalqa.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Mejju, 2018 fejn l-avukati tal-partijiet qablu li l-mertu tal-mandat ġie eżawrit, però baqgħet il-kontestazzjoni dwar il-kap tal-ispejjeż.

Mid-dokumenti li ġew esebiti fl-atti ta' dan il-Mandat, jirriżulta li kienet l-imġiba ta' missier l-intimati Victor Agius li beda jinsisti mar-rikorrent li għandu jeddijiet reali fuq il-proprjetà inkwistjoni, li tat lok għal sitwazzjoni fejn ir-rikorrent kellu jintavola dawn il-proċeduri sabiex jikkawtela l-jeddijiet tiegħu fuq l-art inkwistjoni. Jirriżulta wkoll li l-att ta' rexxissjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni li kien ġie ffirmat bejn Victor Agius (missier l-intimati) u l-intimati, ġie ppubblikat wara li ġie ppreżentat ir-Rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern, u

kwindi il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanza huma l-intimati li għandhom ibatu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant il-Qorti filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-16 ta' April, 2018 sa fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-Rikors, u tikkundanna lill-intimati jħallsu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.**

Mogħti kameralment fit-23 ta' Mejju, 2018.